

Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Prattiki Ristrettivi u l-Pożizzjonijiet Dominanti fil-laqgħa tiegħu mogħtija fl-420 laqgħa tat-8 ta' Diċembru 2006 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni li jikkonċerna l-Każ COMP/38.899 — *Switchgear Iżolat bil-Gass*

(2008/C 5/04)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-fatti tal-Kummissjoni Ewropea bħala ftehim u/jew prattika konġunta fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 81 tat-Trattat u ta' l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li l-miżuri miftiehma u meħuda skond il-Ftehimiet ta' Operazzjoni tal-GQ u l-E-Group għandhom jiġu kkunsidrati bħala sett koerenti ta' miżuri għall-arranġamenti miftiehma fuq livell globali u Ewropew.
3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li ftehim u/jew prattiki konġunti bejn il-produtturi tal-GIS seta' jkollhom effett sostanzjali fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri ta' l-UE u bejn il-partijiet kontraenti taż-ŻEE.
4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li l-ksur għandu jitqies bħala wieħed uniku u kontinwu fid-dawl ta' l-evoluzzjoni tal-kartell matul il-perjodu 1988-2004.
5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li l-kumpaniji Ġappuniżi kienu parti fil-ftehim komuni li ma jifgħux offerti għal proġetti Ewropej, u li ċerti "Pajjiżi ta' l-Orġini" ġew allokati fost il-kumpaniji Ewropej.
6. Il-magħġoranza tal-Kumitat Konsultattiv taqbel li Siemens, ALSTOM u AREVA, fi ħdan il-grupp ta' fornituri kellhom sehem ta' mexxejja, u li dan jiġġustifika żjieda fl-ammont bażiku tal-multa li għandha tiġi imposta fuq dawn l-impriżi għat-tmexxija. Minoranza biss tal-Kumitat Konsultattiv qed tastjeni.
7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li l-parteċipazzjoni fil-Kartell minn Siemens, Hitachi/JAEPS & VA TECH għandha titqies bħala parteċipazzjoni ripetuta għall-istess ksur, meta wieħed jikkunsidra s-sospensjoni temporanja fil-parteċipazzjoni tagħhom.
8. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-applikazzjonijiet li saru taħt l-Avviż ta' Klemenza ta' l-2002.
9. Il-magħġoranza tal-Kumitat Konsultattiv taqbel ma' l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar dawk indirizzati fid-deċiżjoni, speċifikament b'referenza għall-attribuzzjoni ta' responsabbiltà lill-kumpaniji *parent* tal-gruppi kkonċernati. Minoranza biss tal-Kumitat Konsultattiv qed tastjeni.
10. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda li l-opinjoni tiegħu tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.